MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2010

Numru 10/2008

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Jose' Edgar Pena**
**Domingo Ricard Duran Navas**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 10 tas-sena 2008 kontra l-akkuzati Jose Edgar Pena w Domingo Ricard Duran Navas, li bih huma gew akkuzati talli:

Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fil-11 ta' Settembru tas-sena 2006 u zmien ta' qabel din id-data f'Malta u barra minn Malta, l-akkuzati Jose Edgar Pena u Domingo Ricardo Duran Navas iddecidew illi jibdew imexxu u jittraffikaw illegalment fid-droga kokajina f'Malta. Illi fl-10 ta' Settembru 2006 giet importata f'Malta illegalment kwantita' kbira ta' droga kokajina ta 'l fuq minn elf u hames mitt (1,500) gramma minn Messikan, Enrique Martinez Burgoa. Din id- droga kienet intiza ghal Jose Edgar Pena u Domingo Ricardo Duran Navas.

Fortunatament din il-kunsinna kbira ta’ droga kokajina giet maqbuda mill-Pulizija mal-wasla taghha Malta gewwa l-ajruport ta’ Malta. Illi wara l-arrest gewwa l-ajruport ta’ Malta ta’ Enrique Martinez Burgoa li kien importa illegalment din id-droga, Il-Pulizija kisbu informazzjoni li Enrique Martinez Burgoa gie Malta mill-Messiku sabiex jikkonsenja illegalment din id-droga kokajina lill Jose Edgar Pena u Domingo Ricardo Duran Navas. Din id-droga kokajina ghandha valur ta ‘l fuq minn mija tnejn u tletin elf, tmien mija u ghaxar euro (€ 132,810)

Illi biex isehh dan il-pjan mahsub minn qabel li din id-droga kokajina importata illegalment minn Enrique Martinez Burgoa tigi kkunsinnata lil Jose Edgar Pena u Domingo Ricardo Duran Navas bi skop li jitraffikawha, fil-gimghat u zmien ta’ qabel din id-data, Jose Edgar Pena u Domingo Ricardo Duran Navas xjentement assocjaw ruhom ma persuni ohra barra minn Malta u gewwa Malta u wara li assocjaw ruhhom ma dawn il-persuni ftehmu u ikkumbinaw bejniethom il-mezz li bihom kellhom jimxu fl-esekuzzjoni ta’ dan il-pjan miftiehem bejniethom.

Fortunatament minhabba intercezzjonijiet mill-korp tal-pulizija dan il-pjan gie mifxul fil-11 ta’ Settembru 2006.

Id-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima I ta’ l-Ewwel Skeda li tinsab ma’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b’ghemilu l-imsemmi Jose Edgar Pena u Domingo Ricardo Duran Navas saru hatja talli assocjaw ruhom ma’ xi persuna jew persuni ohra f’Malta jew barra minn Malta sabiex ibieghu jew jittraffikaw medicina f’dawn il-Gzejjer kontra d-dispozizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) jew ippromowovaw, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assocjazzjoni.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq msemmi akkuza lill-imsemmi Jose Edgar Pena u Domingo Ricardo Duran Navas hatja talli assocjaw ruhom ma’ xi persuna jew persuni ohra barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibighu jew jittraffikaw medicina f’dawn il-Gzejjer (kokajina) kontra

d-dispozizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) jew ippromovaw, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw l-assocjazzjoni;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzati u illi huma jigu kkundannati ghall-piena ta’ prigunerija ghal ghomorhom u multa ta’ mhux inqas minn inqas minn elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) izda mhux izjed minn mija u sittax-il elf, erba’ mija u tmienja u sittin euro u sebgha u sittin centezmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ kull flejjes jew propjeta’ mobbli ohra tal-persuni hekk misjuba hatjin skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(f)(1A)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-regola 4(a) tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern ta’ Medicini Perikoluzi (G.N. 292/1939) u l-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum li bih, b’sitt voti favor u tlieta kontra sabu lill-akkuzat Jose’ Edgar Pena hati skond il-Kap tal-Att tal-Akkuza, w li unanimament sabu lil Domingo Ricardo Duran Navas mhux hati skond l-istess Kap tal-Att tal-Akkuza, w ghalhekk tordna l-liberazzjoni immedjata tieghu.
Tiddikjara ghalhekk Jose’ Edgar Pena hati talli assocja ruhu ma’ xi persuna jew persuni ohra barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibighu jew jittraffikaw medicina f’dawn il-Gzejjer (kokajina) kontra d-dispozizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) jew ippromovaw, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw l-assocjazzjoni u dana skond l-Ewwel u l-Uniku Kap ta’ l-Att tal-akkuza

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata mid-difiza.

Qieset is-sottomissjonijiet tad-difiza w il-prosekuzzjoni dwar il-piena li jinsabu kollha registrati w senjatament, imma mhux biss, is-segwenti.

L-abbli difensur Dr. Joe Brincat, ghall-hati Jose' Edgar Pena ssottometta li ghandha tinzamm relattivita' mal-piena erogata lil Burgoa li effettivament importa d-droga fejn allura il-parametri ghandhom jiffavorixxu lil Jose' Edgar Pena minkejja li l-iehor ibbenefika minn ammissjoni bikrija u l-artikolu 29 tal-Kap. 101. Il-htija giet dikjarata permezz ta' verdett minimu u ssottometta wkoll li Pena milhux li hareg mill-habs ghax kien inqabez it-terminu taz-zamma bl-arrest tieghu u jekk kien hemm xi parti li ma wrietx rispett lejn l-uniformi tal-Pulizija zgur li ma kienitxx id-difiza tieghu u ma kellhux ibati minn nuqqas ta' rispett ta' haddiehor.

L-abbli prosekutur Dr. Nadine Sant invece ssottomettiet li dan il-kaz kien jirrifletti konglomorazzjoni ta' nies li assocjaw rwiehhom sabiex jittraffikaw id-droga f'Malta w kien grazzi biss ghad-dedikazzjoni tal-Pulizija li ssugraw hajjithom li dan ic-cirku inkiser u giet salvata l-hajja tan-nies. Sfortunatament xogholhom ma kienx apprezzat u minn fuq gew soggetti ghal zeblieh minn nahha ta' difiza minnhom. Il-Qorti ghandha tifhem il-konsegwenzi li kieku d-droga sabet ruhha fit-triq bi 15000 doza jinxterdu minn fost iz-zghazagh taghna wara li giet minn nahha l-ohra tad-dinja f'operazzjoni determinata w organizzata. Il-piena ghandha tirrifletti din id-determinazzjoni li daqstant l-istat hu determinat li jiggieled din il-pjaga b'kull mezz legali disponibbli.

Il-Qorti wara li qieset dawn is-sottomissjonijiet kollha w ikkonsidrat il-gravita' tar-reat kommess mill-hatja w wara li rat l-artikoli 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(f)(1A)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-regola 4(a) tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Medicini Perikoluzi (G.N. 292/1939) u l-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-hati Jose' Edgar Pena ghall-piena ta' tmintax (18) il-sena prigunerija, b'dan li minn dawn it-termini ta' prigunerija jrid jitnaqqas

iz-zmien kollu li hu qattgha taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma dawn l-akkuzi w multa ta' ghoxrin elf Euro (€20,000) konvertita f'sena prigunerija jekk ma jithallsux fi zmien hmistax il-gurnata mill-lum.

Inoltre tikkundanna lil Jose' Edgar Pena s-somma ta' erbat elef, sitt mija w erbgha w hamsin Euro w erbgha w ghoxrin centezmi (€4654.24) rapprezentanti nofs tal-ammont intier ta' disghat elef tlett mija w tmin Euro w tmienja w erbghin centezmi (€ 9308.48) ta' l-ispejjez peritali inkorsi f'dan il-process a tenur ta' l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta w tordna li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija ulterjuri skond il-ligi.

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom saru r-reati w il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hati.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-ispizjar Godwin Sammut u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti, li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta' din il-Qorti b'nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali w lill-hati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------